

## Liema liġi tapplika

Meta tkun involut f'litigazzjoni f'każ fejn mhux il-fatti kollha tal-każ huma konnessi mal-istess pajjiż, hemm il-ħtieġa li tiġi stabbilita l-liġi li tkun se tiġi applikata mill-qorti fit-teħid tad-deċiżjoni fuq is-sustanza tal-kwistjoni.



Mal-espansjoni tal-kummerċ u s-safar internazzjonali, jespandi wkoll ir-riskju li kumpanija jew individwu jistgħu jiġu involuti f'tilwima li għandha element internazzjonali. L-element internazzjonali jista' jkun minħabba li l-partijiet ikunu ta' nazzjonalità differenti jew peress li joqogħdu f'pajjiżi differenti jew peress li jkunu daħlu f'kuntratt li jirrigwarda operazzjoni li tkun qed iseħħ barra mill-pajjiż.

Fl-eventwalità ta' tilwima, mhux biżżejjed li jiġi determinat liema qorti għandha [għurisidizzjoni](#) internazzjonali biex tisma' u tiddeċiedi l-każ; Jeħtieġ li jiġi determinat ukoll liema liġi se tkun applikabbli biex tiddeċiedi s-sustanza tal-kwistjoni.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 18/01/2019